MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1733/2002

**Brian Pace
vs**

**Miriam Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-16 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm266.27), b'dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-Belt Valletta (Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Cristoforo) fl-20 ta' Mejju, 2002, bejn karozza Hyundai numru AAD-069 misjuqa mill-attur matul Triq Merkanti, u l-karozza Citroen numru CBC-283 misjuqa mill-konvenuta fi Triq San Cristoforo u din ma tatx id-dritta assoluta li kienet tispetta lill-attur;**
**Flimkien ma kundanna lill-konvenuta li thallas lill-attur mitejn u sitta u sittin lira Maltija u sebgha u ghoxrin**

**centezmu (Lm266.27) danni li kkagunat lill-attur fl-incident (Dok.A u B) u hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, u bl-imghax u spejjez ta' l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fid-9 t'Awissu, 2002, fejn intqal:**

**i. illi l-incident mertu tal-kawza gara minghajr t-tort jew htija ta' l-esponenti;**

**ii. Illi l-esponenti tirriserva illi teccepixxi dwar l-kwantum mitlub mill-attur hekk kif ir-ricevuti relativi jkunu disponibbli;**

**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1444 Kenneth Brignano, Brian Pace u Miriam Fenech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-20 ta' Mejju, 2002, bejn il-karozza Hyundai numru AAD-069 misjuqa mill-attur li kien qed isuq fi Triq Merkanti, Valletta, u l-karozza Citroen numru CBC-283 li kienet misjuqa mill-konvenuta fi Triq San Cristoforo.**

**2. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Kastilja, u meta wasal ghall-inkrocju ma Triq San Kristoforu, naqqas fil-velocita` u ra lill-attrici qed timmanuvra biex tohrog minn dik it-triq ghall go Triq Merkanti. L-attur jikkonferma li l-attrici ma waqfitx fil-manuvra taghha u baqghet hierga u laqtitu fil-genb.**

**3. Dwar kienx hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq fi Triq Merkanti, l-attur jghid li x'aktarx li kien hemm, u hu cert li kien hemm vann tal-haxix parkeggjat vicin tal-kantuniera. Il-konvenuta tikkonferma li kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat, pero` mhux mal-kantuniera ezatt, izda aktar l-isfel. Il-konvenuta tikkonferma li kien hemm il-vann tal-haxix.**

**4. Jirrizulta li meta intebah bil-konvenuta l-attur kien gja pratikament ghadda nofs l-inkrocju, u dana**

**jirrizulta ampjament mill-iskizz esibit a Fol12 tal-process. Dwar l-iskizz ghandu jinghad li l-partijiet qablu mal-posizzjoni tal-vetturi kif hemm indikati.**

**5. Il-konvenuta qalet li kienet bdiet hierga ghall-go Triq Merkanti u rat li ma kienux gejjin karrozzi, u meta harset il-quddiem fuq ix-xellug taghha rat lill-attur quddiema. F'dan il-kuntest il-konvenuta xehdet li kellha vizwali tajba u li setghet tara tul distanza ta' karrozza.**

**6. Issa tenut kont tal-lok u tal-manuvra li riedet taghmel il-konvenuta, kien jispetta lill-konvenuta li taghmel din il-manuvra bl-akbar diligenza, ghaliex ma jirrizultax li kellha vizwali sufficjenti ghat-traffiku li jkun gej. Stante li hi ma kienetx attenta bizzejjed, u peress li lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi velocita` zejda da parti ta' l-attur, it-tribunal jikkonkludi li n-nuqqas ta' proper look-out da parti tal-konvenuta kien il-kawza ta' l-incident li sehh. Ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-attur bhala konsegwenza tal-kollizzjoni.**

**7. Id-danni reklamati gew konfermati mill-attur, u jirrizultaw mid-Dok.A u B esibiti.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kienet tahti unikament il-konvenuta it-tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill- attur is-somma ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm266.27) bl-imghaxijiet legali mill-5 t'Awissu, 2002.**

**L-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, kif ukoll hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) tal-konsult, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------